**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Illum:** 23 ta' Frar, 2021

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jonathan Ransley)**

**-vs-**

**Anna Grech detentrici tal-karta ta' l-identita` numru 165774(M)**

***Kumpilazzjoni Nru.599/2020***

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputata **Anna Grech** u cioe` talli:

Bejn is-26 ta Gunju, 2020 u t-02 ta Lulju, 2020 minn geww l-isptar Mater Dei:

1. ikkommettiet serq ta' diversi oggetti, liema serq hu kkwalifikat bil-persuna, bil-mezz u bil-valur, liema ammont **jeccedi** l-elfejn tlett mija u disa' w ghoxrin Euro u sebgha' w tletin centezmu (€2329.37) ghad-detriment ta l-Isptar Mater Dei u/jew entitajiet ohra u/jew ta persuni ohra;

2. Kisret il-provedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta Malta, b'sentenza moghitja nhar **id-09 ta Novembru, 2018,** mill Qorti tal-Magistrati (Malta) liema sentenza giet defenitiva u ma tistghax tigi mibdula.

Rat li waqt l-udjenza tat-8 ta' Frar, 2021 l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu, u cioe` wara li l-imputata wiegbet li hi hatja ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghha, din il-Qorti wissietha b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u nghatat zmien xieraq sabiex jekk trid terga' lura minnha.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghha, u ghaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata taghha, il-Qorti tiddikjara li qed issib htija fuq l-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfront taghha kif minnha ammessa.

Dwar it-tieni imputazzjoni jigi rilevat li din ma gietx pruvata sal-grad mistenni tenut kont li s-sentenza datata d-9 ta' Novembru, 2018 baqghet ma gietx esebita. Mill-fedina penali ma jidhirx in-numru tal-karta tal-identita` tal-persuna hekk misjuba hatja. B'hekk galadarba din il-Qorti ma ghandhiex is-serhan il-mohh, minkejja ammissjoni tal-imputata, li s-sentenza hemm indikata, definittivament tirrigwarda lill-imputata odjerna, fejn isimha w kunjoma huma pjuttost kommuni, l-istess Qorti qed tigi prekluza milli takkolji d-dikjarazzjoni ta' sejbien ta' htija fuq it-tieni imputazzjoni.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat li dwaru qed tinstab htija, serq minn fuq persuni vulnerabbli li jkunu rikoverati ghall-kura fl-Sptar Mater Dei. Giet kkunsidrata l-fedina penali taghha minn fejn jirrizulta li l-imputata ma gharrfietx tindirizza l-izbalji tal-passat u ssoktat f'agir kriminuz, tal-ammissjoni bikrija taghha w tac-cirkostanzi tal-kaz fosthom li numeruzi kienu l-vittmi taghha w li dan l-ghemil twettaq fuq medda ta' zmien biex b'hekk isib applikazzjoni l-artikolu 18 tal-Kodici Kriminali.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 18, 261(b)(c)(d), 263, 264, 267, 268(a)(d), 278(3), 279(b), 280(2) tal-Kodici Kriminali, filwaqt li tillibera

lill-imputata mit-tieni imputazzjoni, issibha hatja tal-ewwel imputazzjoni u tikkundannha sentejn prigunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali, qed jigu sospizi ghal erba' snin millum.

A tenur tal-artikolu 412D tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, qeghda tpoggi lill-hatja taht Ordni ta' Trattament ghal zmien tlett (3) snin sabiex tinghata l-ghajnuna kollha necessarja biex teghleb il-vizzju tad-droga.

Il-Qorti tordna li l-atti, flimkien ma kopja ta' din is-sentenza, jigu mibghuta lill-Avukat Generali fi zmien sitt ijiem ta' xoghol.

Kopja ta' dina is-sentenza ghandha tintbaghat ukoll lid-Direttur tal-Probation u Parole skond il-ligi.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**